**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 19 ta' Ottubru 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Magri)**
**vs**
**Charlo Micallef**

Każ. nru. 849/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Charlo Micallef**, iben Carmelo u Rose nee` Agius, imwieled il-Pieta nhar it-13 ta' Ġunju 1978 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 305978M

Akkużat talli nhar 17 ta' Ottubru 2024 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'diversi ħinijiet u diversi bnadi ġewwa dawn l-Gżejjer Maltin :

1. Ikkaġuna biża lil Anette Michelle Micallef (mara tiegħu) li ser tintuża vjolenza tagħhom jew kontra l-propjeta tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet liema delitt twettaq kontra l-ġenituri u/jew fil-preżenza ta' minuri dan bi ksur ta' artikoli 251(3); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.
2. Ħebb għal Amy Mcallef (tifla tieghu) u kkaġunalha offiża ta' natura ħafifa skond kif ċertifikat minn Dr Glen Micallef ta' Ċentru tas-Saħħa ta Raħal Ġdid, u dan bi ksur ta' artikolu 221(1) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

3. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Amy Micallef (tifla tieghu) u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.
4. Għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodiċi Kriminali lil Annette Michelle Micallef (mara tieghu) u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Rat illi waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2024 l-imputat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, ammetta l-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bl-aktar mod solenni u b'lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu u terġa lura minnha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkonsidrat**

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Fit-trattazzjoni tagħhom dwar il-piena il-partijiet qablu li l-imposizzjoni ta' ordni ta' *probation* għall-perjodu massimu kontemplat fil-liġi, kombinat ma' ordni ta' trattament biex l-imputat il-problema li għandu li jikkontrolla r-rabja tiegħu tkun l-aktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi. Il-partijiet qablu wkoll illi għandu jkun hemm ordni ta' trazzin favur il-vittmi biex tiġi assigurata s-sigurta tagħhom.

Il-partijiet issottomettew quddiem il-Qorti illi l-imputat u martu jixtiequ jippruvaw isalvaw ir-relazzjoni tagħhom u li filfatt qed jikkunsidraw anke jattendu għal *marriage counselling* sabiex ikollhom għajnuna f'dan, u spjegaw illi l-problemi kienu qed jinqalgħu riċentement għaliex l-imputat kien qed ikollu diffikulta jikkontrolla r-rabja tiegħu minħabba pressjoni tax-xogħol. Filwaqt li kwalunke pressjoni fuq il-post tax-xogħol bl-ebda mod ma' tiskuża l-imġieba tal-imputat fil-konfront ta' martu u bintu, jew timmitiga l-gravita tas-sitwazzjoni, il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li jidher li l-

imputat għaraf u aċċetta li għandu problema u li jeħtieġ li jindirizzaha, u li ħa responsabbilita għall-aġir tiegħu mill-ewwel. Minn dak sottomess mill-prosekuzzjoni stess jidher li anke martu tħoss li hemm possibilita kbira ta' riabilitazzjoni u li piena karċerarja effettiva mhijiex idoneja fiċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant il-Qorti taqbel mal-partijiet illi l-piena l-iktar idoneja tkun ordni ta' probation kombinat ma' ordni ta' trattament, flimkien ma' ordni ta' trażżin favur il-vittmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 251(3), 251H, 251HA, 202(h), 221(1), u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoggih taħt Ordni ta' Probation għal tlett (3) snin skont it-termini msemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Inoltre, l-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għal tlett (3) snin, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.

Wara li rat l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali tordna li jinħareġ ordni ta' trażżin favur ta' Anette Michelled Micallef u Amy Micallef kontra tal-imputat skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qegħda ssir għal perjodu ta' tlett (3) snin.

Fuq talba tal-partijiet, il-Qorti tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat u l-vittmi.

Ai termini tal-artikolu 7(6) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara illi qabel ma għamlet l-ordni ta' *probation,* il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li jinftiehem x'inhu l-effett tal-ordni u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħha mal-ordni jew jagħmel xi reat ieħor hija jista` jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti spjegat lill-imputat ukoll, bi kliem li jinftiehem, ir-responsabbilita tiegħu jekk jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-Ordni ta' Trattament jew l-Ordni ta' Trażżin.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur